



## IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 13.4.2012  
COM(2012) 161 final

2012/0086 (NLE)

Proposta għal

### **REGOLAMENT TAL-KUNSILL**

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 7/2010 li jiftaħ u jipprovdi għall-ġestjoni ta' kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni għal ċerti prodotti agrikoli u industrijali**

## **MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI**

### **1. KUNTEST TAL-PROPOSTA**

Il-kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni huma meħtieġa għal prodotti li l-produzzjoni tagħhom fl-Unjoni ma tlaħħaqx mal-ħtiġijiet tal-industriji li jagħmlu użu minnhom fl-Unjoni għall-perjodu tal-kwota attwali. Bi tweġiba għat-talbiet minn diversi Stati Membri, il-Kummissjoni flimkien mal-esperti tal-gvernijiet ikkonċernati, ikkunsidrat jekk għandhomx jinfetħu kwoti ta' tariffi awtonomi għal ċerti prodotti agrikoli u industrijali.

Fit-22 ta' Diċembru 2009 il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 7/2010 li jiftaħ u jipprovdi għall-ġestjoni ta' kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni għal ċerti prodotti agrikoli u industrijali sabiex id-domanda tal-Unjoni għall-prodotti kkonċernati tkun tista' tiġi sodisfata fl-aqwa kundizzjonijiet possibbli.

Il-kwoti tariffarji tal-Unjoni għandhom jinfetħu b'rata żero jew b'rati mnaqqsa tat-Tariffa Doganali Komuni awtonoma għal volumi xierqa, mingħajr ma jfixklu s-swieq għal prodotti bħal dawn. Id-diskussionijiet fil-laqgħat għall-Grupp dwar il-Kwistjonijiet ta' Ekonomija Tariffarja (ETQG) wrew li l-Istati Membri kienu lesti li jiflukku żewġ kwoti ġoddha, biex iżi idu l-volumi għal tliet kwoti eżistenti u biex jemendaw id-deskrizzjoni tal-prodott għall-kwota bin-numru tal-ordni 09.2633, mingħajr ma jfixklu s-swieq għal prodotti bħal dawn. Kien ukoll meħtieġ li tingħalaq il-kwota tariffarja bin-numru tal-ordni 09.2767 peress li s-sospensjoni ta' tariffa awtonoma se tinfetaħ mill-1 ta' Lulju 2012 għall-prodott ikkonċernat.

Il-proposta hija konformi mal-politiki tal-agrikoltura, il-kummerċ, l-impriżi, l-iżvilupp u r-relazzjonijiet esterni. B'mod speċjali, din il-proposta mhijiex se tkun ta' żvantaġġ għal pajjiżi li qiegħdin jibbenifikaw minn ftehim ta' kummerċ preferenzjali mal-UE (pereżempju l-GSP, is-sistema tal-AKP, il-pajjiżi kandidati u dawk kandidati potenzjali).

### **2. RIŻULTATI TA' KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT**

Il-Grupp dwar il-Kwistjonijiet ta' Ekonomija Tariffarja li jirrappreżenta l-industriji ta' kull Stat Membru ġie kkonsultat. Il-kwoti elenkti kollha jirriflettu l-ftehim li ntlaħaq mill-Grupp.

Ma ssemmewx riskji potenzjalment serji b'konsegwenzi irriversibbli.

Din il-proposta se ssegwi proċedura ta' konsultazzjoni fost is-servizzi u se tiġi ppubblikata wara l-adozzjoni tagħha mill-Kunsill.

### **3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA**

Emenda ta' Regolament tal-Kunsill li jiftaħ u jipprovdi għall-ġestjoni ta' ċerti kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni għal ċerti prodotti agrikoli u industrijali fuq il-bażi legali tal-Artikolu 31 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Permezz ta' dan l-Artikolu l-kwoti tariffarji awtonomi huma stabbiliti mill-Kunsill li jaġixxi fuq maġġoranza kkwalifikata fuq il-bażi ta' proposta mill-Kummissjoni.

Il-proposta taqa' taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni. Għalhekk, il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

Din is-sensiela ta' miżuri tirrispetta l-prinċipji dwar is-simplifikazzjoni tal-proċeduri għall-operaturi involuti fil-kummerċ barrani u mal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni 98/C 128/02 tal-1998 dwar is-sospensjonijiet tariffarji awtonomi u l-kwot (C 128, 25.4.1998, p. 2).

#### **4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA**

Dazji doganali li ma nġabrux b'ammont totali ta' EUR – 1,254,825.

#### **5. ELEMENTI FAKULTATTIVI**

Fl-Anness għar-regolament propost ġew elenkti l-ftuħ, iż-żidiet u l-emendi tal-kwoti awtonomi.

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-KUNSILL**

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 7/2010 li jiftaħ u jipprovdi għall-ġestjoni ta' kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni għal ċerti prodotti agrikoli u industrijali**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposti mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Sabiex ikun żgurat fornimenti suffiċjenti u bla waqfien ta' ċerti prodotti li l-produzzjoni tagħhom mhijiex suffiċjenti fl-Unjoni u biex jiġi evitat kwalunkwe tfixkil fis-suq għal ċerti prodotti agrikoli u industrijali, infetħu kwoti tariffarji awtonomi permezz tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 7/2010<sup>1</sup> li fi ħdanhom il-prodotti jistgħu jiġu impurtati b'rata ta' dazju żero jew rati mnaqqsa. Għall-istess raġunijiet huwa neċċesarju li, għal żewġ prodotti, tinfetħ b'effett mill-1 ta' Lulju 2012, kwota tariffarja ġidida b'rata ta' dazju żero għal volum xieraq.
- (2) Il-volumi tal-kwota, stabbiliti preċedentement, għall-kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni bin-numri tal-ordni 09.2638, 09.2814 u 09.2889 mhumiex bizzżejjed biex ilaħħqu mal-ħtiġijet tal-industrija tal-Unjoni. Għaldaqstant, dawk il-volumi tal-kwota għandhom jiżdiedu mill-1 ta' Jannar 2012.
- (3) Barra minn hekk, għall-kwota tariffarja awtonoma tal-Unjoni bin-numru tal-ordni 09.2633 d-deskrizzjoni tal-prodott għandha tiġi adattata.
- (4) Barra minn hekk, għall-kwota bin-numru tal-ordni 09.2767, ma għadux fl-interess tal-Unjoni li tkompli tagħti kwota tariffarja għat-tieni semestru tal-2012. Għalhekk, dik għandha tingħalaq b'effett mill-1 ta' Lulju 2012 u r-ringiela korrispondenti għandha titneħħa mill-Anness għar-Regolament (UE) Nru 7/2010.
- (5) Ir-Regolament (UE) Nru 7/2010 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.
- (6) Peress li ċerti miżuri stipulati f'dan ir-Regolament se jieħdu effett mill-1 ta' Jannar 2012 u oħrajn mill-1 ta' Lulju 2012, dan ir-Regolament għandu jaapplika mill-istess dati u jidħol fis-seħħ immedjatament,

---

<sup>1</sup> ĠU L 3, 7.1.2010, p.1.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness għar-Regolament (UE) Nru 7/2010 huwa emendat kif ġej:

- (1) Ir-ringieli bin-numri tal-ordni 09.2644 u 09.2645 stabbiliti fl-Anness I għal dan ir-Regolament huma inseriti;
- (2) ir-ringieli għall-kwoti tariffarji bin-numru tal-ordni 09.2638, 09.2814 u 09.2889 huma sostitwiti mir-ringieli li jinsabu fl-Anness II ta' dan ir-Regolament,
- (3) ir-ringiela għall-kwota tariffarja bin-numru tal-ordni 09.2633 tinbidel bir-ringiela li tinsab fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.
- (4) ir-ringiela għall-kwota tariffarja bin-numru tal-ordni 09.2767 titneħħa.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-ġurnata tal-pubblikazzjoni tiegħi f'Il-Ġurnal Uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jibda japplika mill-1 ta' Lulju 2012.

Madankollu, l-Artikolu 1(2) għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2012.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħi u japplika direttament fl-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmulu fi Brussel, 13.4.2012

*Għall-Kunsill  
Il-President*

## **ANNESS I**

Kwoti tariffarji kif imsemmija fl-Artikolu 1(1) u 1(3)

Numru tal-ordni	Kodiċi tan-NM	TARIC	Deskriżzjoni	Il-perjodu tal-kwota	Volum tal-kwota	Dazju fuq il-kwota (f%)
09.2644	ex 3824 90 97	96	Preparat li jkun fih: — 55 % jew aktar, iżda mhux aktar minn 78 % ta' Glutarat Dimetiliku — 10 % jew aktar iżda mhux aktar minn 28 % ta' Adipat Dimetiliku u — mhux aktar minn 25 % ta' Suċċinat Dimetiliku	1.7.- 31.12.	7 500 tunnellata	0 %
09.2645	ex 3921 14 00	20	Blokka ċellulari ta' ċelluloża riġenerata, mimlija bl-ilma li jkun fih klorur tal-manjeżju u kompost tal-ammonju kwaternarju taddaqs ta' 100 cm ( $\pm$ 10 cm) x 100 cm ( $\pm$ 10 cm) x 40 cm ( $\pm$ 5 cm)	1.7.- 31.12.	650 tunnellata	0 %
09.2633	ex 8504 40 82	20	Rettifikatur tal-elettriku, b'kapaċità ta' mhux aktar minn 1 kVA, biex jintuża fil-manifattura ta' apparat li jneħħi x-xagħar (1)	1.1.- 31.12.	4 500 00 0 unitajiet	0 %

---

(1) L-entrata taħt din is-sottointestatura hija soġġetta għall-Artikoli 291 sa 300 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 (ĠU L 253 11.10.1993, p. 1).

---

## **ANNESS II**

Kwoti tariffarji msemmija fl-Artikolu 1(2)

Numru tal-ordni	Kodiċi tan-NM	TARI C	Deskrizzjoni	Il-perjodu tal-kwota	Volum tal-kwota	Dazju fuq il-kwota (f%)
09.2638	ex 2915 21 00	10	Aċtu aċetiku b'purità bil-piż ta' 99 % jew aktar (CAS RN 64-19-7) Termentina tas-sulfat	1.1.-31.12.	1 000 000 tunnellata	0 %
09.2889	3805 10 90			1.1.-31.12.	25 000 tunnellata	0 %
09.2814	ex 3815 90 90	76	Katalizzatur magħmul mid-dijossidu tat-titanju u tt-tijossidu tat-titanju	1.1.-31.12.	3 000 tunnellata	0 %

## **DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA GĦAL PROPOSTI LI GĦANDHOM IMPATT FUQ IL-BAĠIT ESKLUŻIVAMENT LIMITAT GĦAD-DĦUL**

### **1. ISEM IL-PROPOSTA**

Ir-Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 7/2010 li jiftaħ u jipprovi għall-ġestjoni ta' kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni għal ċerti prodotti agrikoli u industrijni

### **2. IL-LINJI BAĠITARJI**

Il-Kapitolu u l-Artikolu: Kapitolu 12, Artikolu 120

L-ammont ibbaġitjat għas-sena 2012: **€ 19 171 200 000**

### **3. IMPATT FINANZJARJU**

- Il-proposta ma għandhiex implikazzjonijiet finanzjarji
- Il-proposta ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq in-nefqa iżda għandha impatt finanzjarju fuq id-dħul – l-effett huwa kif ġej:

(f'miljuni ta' euro sal-ewwel punt deċimali)

Il-Linja tal- baġit	Dħul <sup>2</sup>	Perjodu ta' 12-il xahar, li jibda mill- 01/01/2012	Perjodu ta' 6 xhur, li jibda mill- 01/07/2012
Artikolu 120	<i>L-impatt fuq ir-riżorsi proprji</i>	- 0.7	- 0.6

### **4. IL-MIŻURI KONTRA L-FRODI**

Id-dispożizzjonijiet dwar il-ġestjoni tal-kwoti tariffarji jinkludu l-miżuri meħtieġa għall-prevenzjoni tal-frodi u l-irregolaritajiet u għall-ħarsien minnhom.

### **5. Kummenti oħra**

<sup>2</sup> Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonal (dazji fuq l-agrikoltura, imposti fuq iz-zokkor, dazji doganali), l-ammonti indikati għandhom ikunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta' 25 % tal-ispejjeż tal-ġbir.

## ANNESS I

### **Effettiv mil-1. 7.2012:**

Kwoti tariffarji kif imsemmija fl-Artikolu 1(1) u 1(3)

Deskrizzjoni tal-prodott	Ammont tal-kwota (tunnellati)	Stima tal-prezz (€ għal kull tunnellata)	Dazju (%) (2012 CCT)	Dazju tal-kwota (%)	Telf mistenni ta' dħul (f'€)
Tħejjija 09.2644	+ 7,500 tunnellata  (ammont inizjali: 0 tunnellata)	1 235	6.5	0	602 063
Blokka taċ-ċelluloża 09.2645	+ 650 tunnellata  (ammont inizjali: 0 tunnellata)	4 230	6.5	0	178 718

**Total tat-telf ta' dħul:**  
**(€ 780,781 – € 195,195) = € 585,586 nett.**

## ANNESS II

### **Effettiv mil-1. 1.2012:**

Kwoti tariffarji msemmija fl-Artikolu 1(2)

Deskrizzjoni tal-prodott	Varjazzjoni fl-ammont tal-kwota (tunnellati)	Stima tal-prezz (€ għal kull tunnellata)	Dazju (%) (2012 CCT)	Dazju tal-kwota (%)	Varjazzjoni mistennija f'telf fuq id-dħul meta mqabbla mal-perjodu ta' kwota ta' qabel (f'€)
Aċidu aċetiku 09.2638	+ 500,000 tunnellata (ammont inizjali: 500,000 tunnellata)	20	5.5	0	550 000
Turpentina. 09.2889	+ 5,000 tunnellata (ammont inizjali: 20,000 tunnellata)	677	3.2	0	108 320
Katalizzatur 09.2814	+ 800 tunnellata (ammont inizjali: 3,000 tunnellata)	4 500	6.5	0	234 000

Total tat-telf ta' dħul meta mqabbel mal-perjodu tal-kwota preċedenti:  
 $(€ 892,320 - € 223,080) = € 669,240$  nett.